# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 492/2015

**Il-Pulizija**

**vs**

**Keith O'Leary**

Seduta tal-26 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Keith O'Leary quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kiser l-istess disposizzjoni tal-ligi u kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dan l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat skont Kap 9 Artiklu 18, naqas li jaghti lil Amanda Ellul Bonnici, is-somma, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma skont Kap 9 Artiklu 338(z);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Ottubru, 2015 li biha sabet lill-imputat Keith O'Leary hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u kkkundannatu xahrejn prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Keith O'Leary, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Novembru, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha (1) **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena, (2) **Subordinament**, jekk ghal ragununijiet taghha, din il-Qorti jidhrilha li l-akkuza appellata tirrizulta, ghandha, minhabba l-fatti specjali tal-kaz **tibdel** u tnaqqas il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti ghal wahda li hija aktar ekwa;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra, din il-Qorti tosserva illi s-sentenza appellata inghatat fl-ilsien Ingliz filwaqt illi r-rikors tal-appell kien redatt bl-ilsien Malti. Il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti saru fl-ilsien Ingliz minghajr ma hemm kopja tac-citazzjoni fl-istess ilsien. IL-proceduri quddiem din il-Qorti saru fl-ilsien Malti

komprizi s-sottomissjonijiet finali u jidher li l-appellant, almenu id-difensur tieghu qed jistenna sentenza fl-ilsien Malti. Konfrontat b'dan l-istat konfuzzjonali, din il-Qorti ser tipprocedi billi tipprolata sentenza bl-ilsien Malti;

2. Il-fatti ta' dan il-kaz huma semplicement illi l-appellant, marbut b'kuntratt bejnu u l-parte civile, ghamel zmien fejn ghat-tlett xhur indikati *supra* kien ihallas nofs l-ammont ta' manteniment patwit. Dan ghaliex l-parte civile kienet qed tonqos mill-obbligu taghha li taghti access ghall-wild taghhom u wara li ottjena parir minn avukati fl-Ingilterra ghazel li jimxi ma dan l-istess parir;

3. Jemergi ukoll illi waqt is-smiegh tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti, iz-zewg partijiet qablu li jinghataw differiment sabiex isir arrangament ghal hlas ta' dawn l-arretrati liema differiment kien michud. Appena instab hati, l-appellant hallas l-ammont kollu minnu dovut (ara ricevuta a fol 25 mahruga fit-23 ta' Novembru 2015);

4. L-appellant iressaq diversi ragunijiet sabiex jimpunja s-sentenza appellata, uhud minnhom irrelevanti ghar-rizoluzzjoni tal-kwistjoni odjerna. L-ewwel gravami tieghu jirrigwarda l-apprezzament tal-provi mill-ewwel Qorti bl-argumenti illi huwa kien qed jagixxi fuq parir moghti lilu minn avukat Ingliz fejn kien qieghed jirrisjedi; li f'dak iz-zmien kien qed jaghmel arrangamenti sabiex jirreferi l-kaz tieghu f'idejn avukati Maltin; li l-partijiet kellhom arrangamenti differenti bejniethom 'l hinn mill-kuntratt imsemmi; li ma kellux kopja tal-kuntratt u li l-ewwel Qorti naqset tiehu in konsiderazzjoni li kienu qed jiddiskutu l-modalita' ta' hlas ta' dawn l-arretrati;

5. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dawn l-argumenti ghajr ghall-argument dwar il-ftehim verbali li jkun percepit ammont ridott kif ser jinghad aktar tard. Tosserva, izda, illi meta l-partijiet konguntement jitolbu differiment sabiex jitransigu pendenza, dan ghandu jimmerita konsiderazzjoni differenti minn meta t-talba ssir minn parti wahda, f'liema kaz tista' tqanqal suspett li qed issir ghal-iskop ta' delungament kapriccuz tal-process. Nuqqas ta' tali

konsiderazzjoni tista' taggravja s-sitwazzjoni bejn il-partijiet b'konsegwenzi serji fuq il-manteniment futur tal-minuri ladarba, bhal fil-kaz odjern, il-missier kien ikkundannat ghal xahrejn prigunerija u ghalhekk tajjeb li dik it-talba tkun esplorata minn din l-ottika ukoll;

6. Anqas din il-Qorti ma taqbel mal-argumenti tal-appellant taht l-intestament B – Evidenza Korroborata. Ir-ragunament hemm konvenut huwa ripetizzjoni tal-argument tal-intestament A. Issa jekk it-testimonjanza tal-appellant hix korroborata minn dokumenti u mhix kontestata mill-parte civile hija irrelevanti ghall-iskop tal-kwistjoni hawn devoluta – dik ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment ordnat mill-Qorti jew maqbul per via ta' kuntratt u dan bi ksur tal-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali;

7. L-appellant jargumenta ukoll illi kien eskluz l-element ta' volontarjeta' da parti tieghu fil-kommissjoni ta' dan ir-reat u dan ghaliex kien qed jagixxi fuq il-parir tal-avukat tieghu. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-argument ghaliex kif jirrikonoxxi l-istess appellant, hawn si tratta ta' kontravvenzjoni, fejn allura l-element intenzjonali mhux mehtieg sabiex tinsab htija. Forsi l-ahjar esposizzjoni ta' dan ir-ragunament tinsab fl-insenjament emergenti mis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Mallia tal-24 ta' Frar, 1960, naturalment diversament preseduta:

*Trattandosi ta' kontravvenzjoni, hu ormaj pacifikament rikonoxxut fid-dottrina u fil-gurisprudenza li ghall-imputabilita' bizzejjed il-volontarjeta' tal-fatt. Huwa bizzejjed, cioe, illi l-imputat kien kawza efficjenti volontarja tal-fatt kontravvenzjonali, minghajr ma hemm bzonn illi jkun hemm fl-imputat il-koxjenza tal-illegittimita' tal-fatt stess. Jekk l-imputat ried il-fatt biss, allura l-imputat ikun fi stat kontravvenzjonali. (ara Vol XXIX-IV – 533; u Vol XXX-IV- 539) . Ghalhekk l-indagini tal-Qorti hi ristretta filli l-gudikant jara jekk l-imputat riedx il-fatt, meru u semplici .. "* Dan l-insenjament kien citat b'approvazzjoni fis-sentenza ricenti ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-

Pulizija vs Duncan Schembri App Krim 396/2016 – 30/3/2017 ukoll diversament preseduta u kwalifikat l-istess meta rriteniet illi "… *ghall-agir kontravvenzjonali ma hemmx bzonn tal-propositu deliberat u volut tal-awtur* . In sostenn ta' dan, il-Qorti ccitat ukoll r-ragjonament fis-sentenza Il-Pulizija vs Carmelo Bonnici App Inf 15/02/1958 meta inghad illi "*Il-Qorti ma ghandhiex taghmel ebda ricerka dwar l-element intenzjonali ta' dan ir-reat; ghax il-ligi rilevanti tikkwalifikah bhala kontravvenzjoni, u fil-kontravvenzjonijiet hija bizzejjed il-volontarjeta', ghalkemm din tista tkun eccezzjonalment eskluza fil-kaz ta' zball invincibbli u essenzjali, u li jgib dejjem eccezzjonalment, il-bwona fede"*. Ghalhekk l-ghazla tieghu li jhallas nofs il-manteniment kienet kalibrata fuq id-decizjoni tieghu li jiehu parir minn gurisdizzjoni li evidentement tipprovdi b'mod divers ghas-sitwazzjoni odjerna u din issa ma tista' tkun ta' ebda konfort ghalih f'dawn il-proceduri;

8. L-argument tal-appellant illi kellu jitqies ukoll ghall-apprezzament tal-kaz huwa peress il-fatt illi huwa bniedem affidabbli , ta' kondotta tajba u li mhux recediv ma jistax, kif donnu qed jistenna, li jintlaqa' minn din il-Qorti. Ghalkemm dawn huma aspetti pozittivi, dawn jistghu jittiehdu in konsiderazzjoni fl-ikkalibrar tal-piena u mhux fil-konsiderazzjonijiet ta' htija o meno;

9. Issa, kif gia osservat fil-hames paragrafu ta' din is-sentenza, ghalkemm l-appellant kien dovut ihallas is-somma ta' erba' mitt ewro fix-xahar bhala manteniment ghall-uliedu minuri, l-parte civile kienet qablet li ghal xi zmien tippercepixxi ammont ridott. Meta inqala dizgwid bejniethom, l-parte civile ghamlet rapport lil Pulizija dwar in-nuqqas tal-appellant li jhallas il-manteniment fit-totalita' tieghu. Kienu bdew diskussjonijiet bejn il-partijiet sabiex jithallsu dawn l-arretrati wara li l-appellant kellem avukat prattikanti fil-gurisdizzjoni ta' Malta u sakemm kienu ghaddejjin id-diskussjonijiet dwar il-bilanc dovut, sar ir-rapport lill-Pulizija.

10. Illi la darba kienet l-istess parte civile li kkonfermat quddiem din il-Qorti li kien hemm fis-sehh dan l-arrangament bejniethom, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-appellant ma setghax legalment u ragjonevolment jinstab hati mill-ewwel Qorti.

11. Ghal dawn ir-ragunijiet, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-aggravji u t-talbiet l-ohra, din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel talba tal-appellant billi tirrevoka s-sentenza appellata, ma ssibx htija fl-appellant u tilliberah.